# Il-Kappella tal-Kurċifiss ta’ Kandja u r-Relikwija tas-Salib Mqaddes fiż-Żjajjar Pastorali tal-Isqof Alpheran De Bussan

*(It-tieni parti)*

**Dr. Simon Mercieca**

## L-Ewwel Żjara Pastorali ta’ Alpheran De Bussan ġewwa Bormla

Il-knisja parrokkjali ta’ Bormla tkun iċ-ċentru ta’ tlieta mill-erba’ żjajjar pastorali li dan l-isqof għamel lill-knejjes ta’ Malta u Għawdex. F’dan l-istudju sejjer nirriproduċi x’kiteb dan l-isqof dwar l-kappella tal-Kurċifiss. Dak li kiteb l-isqof juri bħal ritratt kif kienet din il-kappella u l-iżviluppi li għaddiet minnhom il-fratellanza tal-Kurċifiss bejn is-snin 1728 u 1751.

L-ewwel żjara pastorali tal-isqof il-ġdid Pawlu Alpheran ġewwa Bormla saret fis-sena 1728, jiġifieri immedjatament wara li kien tela’ fuq il-katidra tad-djoċesi. Dan l-altar tal-Kurċifiss tant kien sar importanti u kellu kult ta’ devozzjoni, li meta saret il-vista pastorali mill-isqof Alpheran, fl-25 ta’ Novembru 1728, dan ser jieħu importanza partikolari. Bħalma kienet id-drawwa l-isqof kien jibda ż-żjara billi mar fuq l-altar maġġur fejn sar talb lil Alla. Imbagħad waqaf minħabba li f’Bormla kienet tieħu fit-tul biex jistrieħ. Meta reġa’ beda l-vista tal-knisja, l-għada is-26 ta’ Novembru, l-isqof flimkien mal-koviżitatur, li kien id-dekan tal-Katidral Gio Batta Balzan li f’dik il-ħabta kien qiegħed jagħmilha wkoll ta’ vigarju ġenerali, mar fil-kappella tal-Kurċifiss u l-ewwel ħaġa li għamel kienet li sema’ affarijiet sagri (*auditum sacrum*), jiġifieri sar talb fuq l-altar tal-kurċifiss.[1]

Imbagħad għadda biex jagħmel iż-żjara tal-knisja u l-altari. L-isqof isegwi l-mudell taż-żjajjar magħmula mill-predeċessuri tiegħu. Hawnhekk ħa nerġa’ nikkwota mir-rendikont taż-żjara kelma b’kelma.

*Żar l-altar taħt it-titlu tas-Santissimu Kurċifiss imwaqqaf fuq ġewwa tal-prospettiva tiegħu u għandu għalih mibnija kappella kbira fuq in-naħa tal-lemin tal-knisja. L-altar hu tal-ġebel, hu armat b’kollox u fih dak li hu meħtieġ għas-sagrifiċċju tal-quddiesa, bl-irħama li fiha l-fdalijiet tal-għadam tal-*

*qaddisin (ara) u miżmum tajjeb ħafna. Fuq l-ixkaffa tiegħu hemm teka tal-injam indurata bid-deheb, fiha gradilja tal-ħadid indurata wkoll bid-deheb u fiha jinżammu żewġ relikwi mill-veru linju tas-Salib Imqaddes ma' relikwi oħra li ġew deskritti fiż-żjajjar l-oħra.*

*U fit-tribuna hemm immaġni, wara l-ħġieġ ta' salib kbir bis-Santissimu Kurċifiss miġjub mir-renju ta' Kreta fejn kien fil-knisja tar-Reverendi Patrijiet tal-Ordni tal-Predikaturi u wara tqiegħed, fis-sitta ta' Novembru 1669 mill-wisq reverendu S.T. u J.V.D. Sinjur Dun Giovanni Antonio Cauchi meta kien arċipriet tal-knisja mqaddsa katidrali ta' Malta u meta ma kienx hawn isqof kien vigarju kapitulari mqaddes u wara minħabba l-merti kbar tiegħu kien mogħti d-dinjità ta' dekan u wara laħaq arkidjaknu tal-istess knisja katidrali u mbagħad elett vigarju ġenerali ta' din id-djoċesi u baqa' jżomm din il-kariga sakemm għaddew jiemu.*

*Din l-istess immaġni hija miżmuma bl-ikbar venerazzjoni u hija wkoll meqjusa mirakoluża, bħalma juru l-ħafna mirakli mpittra fuq l-injam (ex-voti) u li huma mwaħħla f'din il-kappella. U kull nhar ta' Ġimgħa jsir talb b'kontemplazzjoni piji mir-reverendu kappillan bir-reċitazzjoni tal-kurunella tas-sinjur tagħna Kristu bil-parteċipazzjoni kbira tan-nies. Quddiem dan l-altar hemm imdendla tliet lampieri tal-fidda mixgħula b'dawl qawwi ħafna.*

*Isiru żewġ festi solenni fis-sena bl-ewwel u t-tieni għasar u bil-quddiesa kantata, omelija u purċissjoni li fiha jinħareġ l-imsemmi relikwarju jiġifieri fil-ġurnata tat-tlieta ta' Mejju, il-festa tas-sejba tas-Salib u titħallas mis-Soċjetà tal- Agunija mwaqqfa fuq dan l-altar u l-oħra fil-14 ta' Settembru, iddedikata għall-eżaltazzjoni tas-salib imqaddes u titħallas mill-prokuraturi tal-knisja parrokkjali li taħt it-tmexxija tagħhom jaqa' dan l-altar.*

*Il-prokuraturi tal-imsemmija Sodalità tal-Agunija kienu s-saċerdot Dun Giovanni Domenico Pace u n-nutar Pietru Pawlu Saliba u lilhom l-illustrissimu u Reverendissimu Inkwiżitur ordna biex jagħtu rendikont tal-amministrazzjoni tagħhom.*

*Fuq dan l-altar hekk ukoll sa minn żmien il-memorja ta' Fra Dun Lorenzo de Astiria, li kien isqof ta' Malta, imwaqqfa il-konfraternità tal-irġiel taħt it-titlu tas-Santissimu Kurċifiss u li wara t-30 ta' April 1673 ġiet magħquda mal-arċikonfraternità ta' San Marcello tal-Belt il-kbira ta' Ruma fuq it-tħabbrik tal-Eminentissimu u Reverendissimu Sinjur Kardinal Rannerio Pallavicino, li kien inkwiżitur ta' Malta.*

*Il-fratelli ta' din il-konfraternità għandhom l-istatuti tagħhom u parti mid-dmirijiet tagħhom hu li fost l-oħrajn jagħmlu opri ta' karità u jilbsu l-konfratija u jakkumpanjaw fl-imsemmijin festi tas-Salib Imqaddes.*[2]

Minn dan l-istudju joħorġu żewġ affarijiet importanti. L-ewwel li

llum il-konfraternità tal-Kurċifiss ta' Bormla hija magħmula minn tliet konfraternitajiet distinti u li waħda minnhom għandha l-affiljazzjoni mal-arċikonfraternità Rumana. Biss l-aktar żewġ affarijiet importanti li joħorġu minn dawn id-deskrizzjonijiet kollha huma l-ewwel, id-devozzjoni kbira li kien hemm lejn dan il-kurċifiss mirakuluż. It-tieni li Bormla ngħatat kurċifiss tal-fidda mill-futur kardinal Pallavicino li fih kien hemm il-*Veru Linju*. Dan il-kurċifiss bir-relikwija fih kien ġie minn Ruma ma' Pallavicino. Kellu l-bolol appostoliċi mwaħħla miegħu u għalhekk jidher li hu parti minn biċċiet mill-*Veru Linju* li l-imperaturi ta' Biżantium kienu minn żmien għal żmien jagħtu lill-papiet ġewwa Ruma, wara li l-istess imperu Biżantin kien rebaħ din il-relikwa minn idejn il-Persjani fis-seklu sitta Wara Kristu.

Għalhekk din ir-relikwa tal-*Veru Linju* issir waħda mill-ftit relikwi awtentiċi li l-istorja tagħha tmur lura bejn elf u elf u ħames mitt sena jiġifieri qabel mal-istess Biżantini tilfu r-relikwarji importanti li huma kellhom meta Biżantium (Istambul tal-lum) ġiet attakkata mill-Venezjani fl-1204.

Probabilment dan il-*Veru Linju* hu wieħed mill-aktar *Veru Linji* importanti li għandna f'pajjiżna u għal minn jemmen, dan il-fdal hu verament parti mis-salib misjub minn Santa Liena.

Fis-snin ta' wara, dan il-*Veru Linju* baqa' miżmum b'devozzjoni u mħabba kbira ġewwa Bormla. Illum is-sieq tal-fidda tar-relikwarju li kellha l-arma ta' Pallavicino ma għadhiex teżisti, iżda is-salib baqa' jeżisti. Fis-sena 1771, kien sar relikwarju ġdid għal dan il-*Veru Linju* li allura kienet u għadha l-aktar relikwa importanti li hemm f'Bormla. Possibilment kien ħallas għaliha l-isqof Pellerano għaliex issa tqiegħdet l-arma tiegħu fis-sieq tal-fidda ta' dan l-ostensorju. Biss l-aktar ħaġa importanti mir-relikwarju oriġinali ta' Pallavicino baqgħet għaliex is-salib tal-fidda li kien fih il-biċċiet mis-salib inżamm bla mittiefes. Qalgħuh biss minn mas-sieq l-antik tal-ostensorju u tqiegħed fir-relikwarju l-ġdid u għalhekk għadu jeżisti u jista' jibqa' jitgawda ġewwa Bormla sal-lum.

Fuq kollox dan is-salib li Pallavicino kien ta lil Bormla baqa' miżmum b'importanza u devozzjoni kbira tul is-seklu dsatax għaliex meta l-kanoniċi ta' Bormla ngħataw d-dritt li jibdew jilbsu s-salib pettorali, huma għażlu bħala disinn għal dan is-salib, dan l-istess salib li Pallavicino kien ta lill-Bormla bil-relikwija tal-*Veru Linju* fih. L-importanza ta' din ir-reklikwa terġa' toħroġ miż-żewġ żjajjar oħra li għamel Alpheran De Bussan lil Bormla.

## It-Tieni Żjara ta' Alpheran De Bussan Ġewwa Bormla

It-tieni żjara tal-isqof Alpheran De Bussan bdiet uffiċjalment ġo Bormla nhar it-28 ta' Mejju 1739 iżda huwa kien wasal f'din il-belt jumejn qabel. Hu ġie nhar 26 ta' Mejju bid-dgħajsa mill-belt tal-Isla fejn kien għadu kif

spiċċa ż-żjara pastorali tiegħu. Id-dgħajsa daħlet fil-parti magħrufa bħala l-*Mandaraggio*. Din kienet il-parti fejn illum hemm id-dock one. Hawnhekk kien hawn djar kbar u kienu joqogħdu fost l-aktar nies importanti ta' Bormla.

Mal-kleru kien hemm jilqgħu lill-isqof, l-baruni Antonio De Piro li kellu d-dar tiegħu f'dan il-*Mandaraggio* u li kien aċċetta li jospita l-isqof għandu matul il-jiem taż-żjara pastorali. L-għada, is-27 tax-xahar ta' Mejju, l-isqof reġa' ħareġ bid-dgħajsa, għaliex dawn id-djar kbar fil-*Mandaraggio* ta' Bormla kienu mibnija fuq xiefer il-baħar u kellhom bieb fuq wara li jagħti għall-moll privat li miegħu kienet torbot id-dgħajsa. L-isqof riekeb id-dgħajsa minn fuq il-moll ta' privat u qasam għan-naħa l-oħra u mbagħad bil-mixi tela' t-telgħa tal-knisja u mar fl-oratorju l-ġdid tal-Kurċifiss, iddedikat lil Marija Addolorata jew tal-Pietà li kien għadu kemm inbena. Il-ktieb taż-żjara jgħid dan li ġej dwar din id-data memorabbli meta dan l-oratorju tbierek b'mod uffiċjali u għalhekk issa seta' jibda jintuża għall-kult u s-servizzi reliġjużi.

*Huwa* (jiġifieri l-isqof) *libes il-paramentri sagri kollha pontifikali ta' kulur abjad daħal f'din il-knisja msemmija u berikha u wara li spiċċa, it-tifel Antonio Mizzi, libes ta' abbati, għamel prietka ta' radd il-ħajr u (tkellem) fuq il-bini u fuq il-fratellanza ta' dan l-oratorju li ġie mibni fi żmien tal-illustrissimu u reverendissimu (isqof), u li issa sar sabiħ kif intqal qabel u immedjatament wara l-illustrissimu u reverendissimu Sinjur, għaliex għoġbu, għadda biex jiċċelebra l-ordinazzjoni partikolari f'dan l-oratorju billi ġiet mogħtija l-ewwel tonsura lill-imsemmi Antonio Mizzi, tifel leġittimu u naturali tal-miżżewġin Giuseppe u Anna Mizzi mill-imsemmija Cospicua il-Belt ta' Bormla u immedjatament wara sema' l-sagrifiċċju tal-quddiesa li tqaddset mir-Reverendissimu Kanoniku Dun Giuseppe De Constantio, koviżitatur, fuq l-altar tal-imsemmi oratorju. Dan l-istess oratorju huwa mibni fuq in-naħa tal-lemin tal-knisja parrokkjali u għandu d-daħla tiegħu fuq il-lemin li tagħti għal fuq triq pubblika li tħares lejn it-tramuntana u titla' għaliha permezz ta' numru ta' turġien u għandha daħla oħra min-naħa tas-sagristija tal-knisja u t-tielet daħla mill-kappella tas-Santissimu Kurċifiss.*[3]

Hawn nixtieq nagħmel nota żgħira dwar dan it-tfajjel Antonio Mizzi, li tqabbad biex jagħmel il-prietka fil-ftuħ ta' dan l-oratorju. Antonio Mizzi kompla bil-vokazzjoni tiegħu għas-saċerdozju. Ftit wara li qaddes, hu rebaħ il-konkors jew l-eżami pubbliku li kien isir fost il-qassisin wara li jkun hemm vakanza ta' kappillan ġewwa xi parroċċa. Hu kien rebaħ il-konkors biex isir il-kappillan tal-Qrendi fejn serva bħala kappillan bejn 1756 u 1804. B'hekk sar l-aktar kappillan li qatt dam f'din il-kariga ġewwa dan ir-raħal, iġifieri 48 sena sħaħ. Matul iż-żmien tiegħu ta' kappillan, il-knisja tal-Qrendi ġiet

ikkonsagrata mill-isqof Labini fit-13 ta' Ottubru 1782, avveniment li n-nies ta' dan il-post kienu ilhom jistennewh għal ħafna snin. Hu għamel ħafna opri fil-knisja tal-Qrendi fosthom żewġ qniepen ġodda u daħħal l-użu tal-istatwa proċessjonali bl-ikonografija tal-Madonna f'dan ir-raħal. F'din il-biċċa xogħol sab l-għajnuna ta' Bormla għaliex hu ġab minn belt twelidu statwa antika tal-Kunċizzjoni, li ma baqgħetx aktar tintuża ġewwa din il-knisja ta' Bormla. Din l-istatwa tal-Kunċizzjoni kienet oriġinalment tal-Fratellanza tar-Rużarju u kienet tuża ta' kull sena mill-fratellanza fil-purċissjoni tal-Madonna tar-Ruzarju li kienet issir fl-ewwel ħadd ta' Ottubru. F'dik il-ħabta l-fratelli ta' din il-konfraternità għamlu statwa ġdida tal-Madonna bl-ikonografija tagħha kif nassoċċjaha llum il-Madonna tar-Rużarju iġifieri, il-Madonna bil-Bambin f'idejha u bil-kuruni tar-rużarju f'idejhom. Din l-istatwa ħadet post l-oħra, li kif ġa spjegajt kienet turi l-Madonna fl-ikonografija tal-Kunċizzjoni. Din l-istatwa il-ġdida tar-Rużarju baqgħet tintuża mill-fratellanza sakemm saret dik li hawn illum ġewwa Bormla mill-iskultur Pietru Pawl Azzopardi. B'hekk dik li hemm illum hija t-tielet statwa ta' din il-Fratellanza tar-Rużarju. Min-naħa l-oħra, dik antika (iġifieri l-ewwel waħda) tneħħiet mill-użu reliġjuż u ma baqgħetx tintuża aktar. Mizzi ħataf din l-opportunità u bil-ħidma ħabrieka tiegħu, u bla dubju grazzi ukoll għall-ġenerożità ta' ħutu l-Bormliżi, ġab din l-istatwa qadima tal-Kunċizzjoni ġewwa l-Qrendi peress li sa dik il-ħabta, dan ir-raħal kien għadu mingħajr statwa proċessjonali tal-Madonna.

Wara din il-ħarsa biografika lejn dan it-tfajjel, inkomplu issa naraw x'qal l-isqof f'din iż-żjara. Hu għadda biex jiddeskrivi l-oratorju.

*Il-kostruzzjoni tiegħu hija waħda nobbli. Hu mibni fuq forma rettangulari arkitettonikament doriku u mogħti b'saqaf għan-nofs tond, lest minn kollox, għandu artal wieħed fuq in-naħa ta' ġewwa, hu mibni b'mod sabiħ ħafna bħallikieku tribuna jew kappella żgħira qisha qoxra ta' fekruna fuq erba' arkati eleganti mgħejjuna minn arka principali fid-daħla tal-kappella jew l-imsemmija tribuna u li fuqha hemm skulturat l-arma tal-illustrissimu u Reverendu Sinjur isqof Fra. Paolo Alpheran de Bussan. L-altar hu maqtugħ mill-art minn tarġa waħda u għandu wkoll platform tal-ġebel, il-faċċata mqabbża u għandu l-mejda tal-artal li fiha kollox, inkluż l-irħama bl-għadam tal-qaddisin u tajjeb għas-sagrifiċċju tal-quddiesa. Hu mżejjen tajjeb u għandu dak kollu li hu neċessarju. L-ikona tiegħu tleqq imwaħħla ġo gwarniċ tal-ġebel u skulturat u tirreferi għat-tniżżil minn fuq is-salib tas-sinjur tagħna Ġesù Kristu u fuq din l-istess ikona hemm miktub "il-maħbub tiegħi faxx mirra imrassas bejn sidri". Fuq il-prospettiva li tiġi fil-faċċata tal-altar hemm daħla li tieħu għall-kappella tas-Santissimu Kurċifiss u għall-knisja parrokkjali u fuq dan l-istess bieb hemm gallarija tal-injam għall-orkestra tal-mużiċisti u kantanti u fuq id-daħla tal-ġenb li tieħu għas-sagristija tal-*

*knisja hemm pittura bil-gwarniċ tal-injam li tirreferi għall-aħħar ċena tas-Sinjur. Hemm imbagħad fuq kull naħa tat-tribuna żewġ sagristiji żgħar.*[4]

Din d-deskrizzjoni tispjega għala f'dan l-oratorju, fuq in-nava ċentrali tal-altar, f'nofsha eżatt hemm l-arma tal-isqof Alpheran. Din saret ħalli tibqa' tfakkar dan l-isqof li fi żmienu nbena dan l-oratorju. Fuq kollox, din id-deskrizzjoni turina wkoll it-tibdiliet li kienu saru fl-istruttura tal-knisja. Illum dan l-oratorju ma għadux jinfed għal għos-sagristija. Ma hemmx dubbju li dan it-tibdil seħħ meta kien ġie deċiż, fis-seklu dsatax, li tinbena l-awla kapitulari l-ġdida u dan wassal biex saru kambjamenti f'din in-naħa tal-knisja.

Iż-żjara pastorali tal-knisja bdiet l-għada, it-28 ta' Mejju. Kien akkumpanjat mill-kleru kollu ta' Bormla mid-dar fejn kien qed joqgħod, u bil-mixi mar proċessjonalment sal-knisja parrokkjali taħt il-baldakkin. Ħadu sehem il-fratellanzi tal-parrocca. Ikun irrimarkat, iżda, li fost il-fratellanzi kien hemm dik tal-Kurċifiss li tkun l-unika waħda li tissemma' b'isimha.[5] Ikun f'dan l-ewwel jum taż-żjara tal-knisja, li l-isqof iżur il-kappella tal-kurċifiss li tkun diskritta kif ġej.

*Żar l-altar tas-Santissimu Kurċifiss li jinsab fuq il-parti ta' ġewwa bil-prospettiva jew tribuna proprija, u f'kappella kbira mibnija fuq in-naħa tal-lemin tal-knisja li titla' għaliha minn taraġ tal-ġebel u platfrom (suppedaneum) u li huwa wkoll sab li kienu tal-ġebel, bil-mejda kompleta, bl-affarijiet kollha tagħha, bl-irħama bl-għadam tal-qaddisin u tajba biex fiha jsir is-sagrifiċċju tal-quddiesa, mimli u provdut tajjeb minn dak kollu li hu neċessarju u fuq l-ixkaffa tal-injam hemm impoġġija niċċa tal-injam indurata bid-deheb bi grada tagħha tal-ħadid, li hija wkoll indurata bid-deheb u ġewwa fiha hemm ir-relikwa tas-salib imqaddes. Ġewwa tieqa kbira fit-tribuna protetta bi ħġieġa kbira mżejna bi frame hemm salib kbir bl-immaġni elevata fuqu tas-Santissimu Kurċifiss li darba, baħħara minn din il-belt ta' Bormla ġabuh mir-renju ta' Kandja u xi darba kien fil-knisja tal-patrijiet tal-Ordni tal-predikaturi u kotra kbira ta' nies minn madwar il-gżira kollha jiġu jitolbu quddiemu u jaqgħilu l-grazzi u l-mirakli mingħandu bħal ma jixhdu l-ħafna nkwatri u ex-voti ta' kull tip u għamla li jinsabu mwaħħla f'din il-kappella mogħtijin mill-fidili biex iwettqu l-wegħda li jkunu għamlu u jagħtuhom bħala sinjal u memorja ta' grazzji li kienu jirċievu.*

*Ikunu ċċelebrati żewġ festi bl-ewwel u t-tieni għasar bil-quddiesa kantata u bil-prietka u l-purċissjoni jiġifieri fil-ġurnata tat-3 ta' Mejju fil-festa tas-sejba tas-salib li titħallas mis-Sodalità tal-Agonizzanti u l-oħra fl-14 ta' Settembru fil-festa tal-esaltazzjoni tal-istess salib imħallsa mill-prokuraturi tal-knisja parrokkjali li taħt it-tmexxija tagħhom jaqa' l-imsemmi altar.*

*Fuq dan l-altar hemm imwaqqfa minn żmien il-bon memorja tal-*

*illustrissimu u reverendu isqof, Don Lorenzo de Astiria, il-konfraternità taħt it-titlu tal-Illustrissmu Kurċifiss li fis-sena 1673 ġiet magħquda mal-arcikonfraternita ta' San Marcello tal-belt il-kbira ta' Ruma u għandha l-istatut proprju tagħha u fost d-dmirijiet li l-membri jridu jwettqu hemm fost l-oħrajn li jagħmlu l-opri tal-ħniena u jakkumpanjaw fil-purċissjonijiet bil-konfratija li jsiru fl-imsemmijin fuq festi tas-Santissimu Kurċifiss. Illum għandhom ukoll l-oratorju proprju tagħhom – li għadu kemm ġie mbierek ilbieraħ, u f'dan il-post, il-fratelli jagħmlu l-atti tal-ħniena u l-funzjonijiet tagħhom li ġew deskritti aktar 'il fuq.*

*Tagħhom u mingħajr preġudizzju: Dehru fost l-oħrajn membri mill-imsemmija konfraternità u talbu li jitniżżel fl-atti ta' din iż-żjara l-ewwel b'reverenza ġie milqugħ u rreġistrat skont kif gej fil-ktieb żgħir tiegħu li jiġbor id-diġriet.*

*Illustrissimu u Reverendissimu Monsinjur. Ir-rettur u l-fratelli tal-kongregazzjoni tas-Santissimu Kurċifiss tal-Belt ta' Bormla, umilissimi servi u sudditi tal-Illustrissimu u Reverendissimu, jesponu li bħala konsolazzjoni spiritwali għalihom u biex iħeġġu aktar l-imħabba tal-imsemmija fratelli u biex ikunu jistgħu jistiednu aktar kongregazzjonijiet mill-Belt Valletta qed jitolbu l-fakulta li jkunu jistgħu jippreżentaw tliet qassisin li-sinjurija tiegħek biex huwa jkun jista' japprova wieħed minnhom bħala d-direttur ta' din il-kongregazzjoni b'obbligu li jagħmel it-taħdidiet f'oratorju li għadu kemm sar ġdid iżda bl-ebda mod il-funzjonijiet tiegħu ma jistgħu jfixxklu dik tal-imsemmija kongregazzjoni u din il-mitluba grazzja ġiet mogħtija u ġie ordnat li tinkiteb fl-atti ta' din iż-żjara. Mogħtija, filgħodu fl-oratorju tagħna fil-belt ta' Bormla illum 28 tax-xahar ta' Mejju 1739. Fr. Paulus, isqof ta' Malta.*

*Ukoll fuq dan l-altar hemm imwaqqfa s-Sodalità tal-Agonizzanti li l-membri tagħha jħallsu ħames grani kull xahar minbarra l-għotja li s-soltu jagħtu qabel ma huma jidħlu membri u meta persuna membru ta' din is-sodalità ikun agonizzant, jinfetaħ il-bieb tat-tabernaklu tas-Santissimu Sagrament u jsir talb għal tliet sigħat mill-qassisin u wara l-mewt jiġu ċċelebrati ħamsin quddiesa għas-suffraġju tal-membru li jkun miet.*

*Għalhekk, l-illustrissimu u Reverendu Sinjur iddedika lilu innifsu biex jagħmel xogħol ieħor u afda l-kontinwazzjoni taż-żjara tal-altari l-oħra lir-Reverendu l-Kanoniku Dun Adriano Gurgion, li hu l-vikarju ġenerali tiegħu u ko-viżitatur kif jidher miktub fiż-żjara ta' Alpheran 1736-40 ff. 1096-1097.*

F'din il-kappella kien hemm żewg altari li ġew deskritti minn dan l-ko-viżitatur Gurgion kif ġej.

*Żar l-altar taħt it-titlu ta' Sant Andrea Appostlu mwaqqaf taħt l-apside fuq in-naħa tal-lemin tal-imsemmija kappella tal-Kurċifiss u sab li kien tal-ġebel, bil-prospettiva imponenti u bil-mejda sħiħa. bl-irħama (ara) u tajba*

*għas-sagrifiċċju tal-quddiesa u provdut b'dak kollu li hu neċessarju, għandu kwadru mqiegħed bejn gwarniċ skulturat tal-ġebel u ndurat bid-deheb li jirreferi fuq il-parti ta' fuq għat-trasfigurazzjoni tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu u fil-parti ta' isfel, juri il-veru mmagni tal-qaddis titulari. Quddiemu hemm imdendel lampier li jinxtegħel kuljum.*

*Ikunu ċċelebrati żewg festi, dik ta' Sant'Andrea Appostlu fil-ġurnata tat-30 ta' Novembru bl-ewwel u t-tieni għasar u quddiesa kantata imħallsa mis-sajjieda ta' din il-Belt ta' Bormla li huma s-sidien ta' dan l-istess altar. U fit-Trasfigurazzjoni tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu bl-ewwel għasar u quddiesa kantata kif ġie mħolli minn dispożizzjoni pija mill-mejjet Leonardo Abela kif jinsab imniżżel fl-atti tal-mejjet nutar Pietro Zammit fil-ġurnata ta' 6 ta' Frar 1605 u biex ikun jista' jinżamm dan l-obbligu b'mod tajjeb u anki biex ikun jista' jinżamm mixgħul il-lampier ħalla dar f'din l-istess imsemmija belt.*[6]

*Żar l-artal taħt it-titlu ta' San Leonardu Konfessur u l-Erwieħ Imqaddsa tal-Purgatorju imwaqqaf taħt l-abside fuq in-naħa tax-xellug tal-imsemmija kappella tal-Kurċifiss u sab li kien tal-ġebel, bi prospettiva imponenti u bil-mejda kompleta u tajba għas-sagrifiċċju tal-quddiesa u mżejjen b'mod dinjituż, għandu l-pittura imqiegħda bejn ħafna skulturi differenti fil-ġebel u indurati bid-deheb u jirreferi fil-parti ta' fuq tiegħu għall-Misteru tat-Trinità u l-Beata Verġni u fil-parti ta' isfel, il-qaddis li għalih iddedikat l-altar u l-erwieħ tal-Purgatorju, eżattament taħt din l-pittura hemm oħra żgħira imqiegħda f'niċċa li turi l-immaġni ta' San Frangisk De Paula. Quddiem dan l-altar hemm imdendel lampier bil-lampa taż-żejt tixgħel kuljum.*

*Il-festa tkun iċċelebrata bl-ewwel għasar u quddiesa bil-prietka fil-ġurnata tal-4 ta' Novembru kif kien ħalla miktub il-mejjet Antonio Ros u bl-istess mod obbliga ċ-ċelebrazzjoni ta' quddiesa waħda kull nhar ta' Ħadd fuq dan l-altar u li jinxtegħel il-lampier għas-servizz ta' dan l-altar u għall-istess artal tħalla ħanut li jinsab fil-pjazza ta' din l-istess belt skont l-atti tan-nutar Mariani Calleja tat-23 ta' Awwissu 1611 u tas-6 ta' Diċembru 1631.*

*L-obbligu tal-quddiesa marbut ma' dan l-altar kif muri fiż-żjara ta' qabel kien imwettaq.*

Dehru quddiem l-illustrissimu u Reverendu Sinjur xi rġiel piji mill-parroċċa ta' Bormla tal-Belt Cospicua u talbu li jekk jidhirlu hu, tkun imwaqqfa u imqiegħda fuq dan l-altar soċjetà jew kongregazzjoni taħt it-titlu tal-Erwieħ tal-Purgatorju u huma ser jitolbu kif ser jingħad bl-ikbar safa kif huma mistennija li jġibu ruħhom kif ser jingħad

*Illustrissimu u Reverendu Monsinjur = Giuseppe Saliba, Giuseppe Abela, Lorenzo Barbara, Giuseppe Mifsud, Michele Saliba, Alessandro Agius, Paolo Farrugia, Salvatore Tabone, Pietro Intiniamo, Federico Grech, Giuseppe Caruana u Francesco Gausin, umilissimi servi u sudditi tas-*

*sinjurija illustrissima u reverendissima jesponu li fil-knisja parrokkjali tal-belt ta' Bormla hemm l-altar iddedikat lis-Santissima Trinità u l-Erwieħ tal-Purgatorju li fuqu jixtiequ li jkollhom il-fakultà li jagħmlu l-Kongregazzjoni taħt it-titlu tal-Erwieħ tal-Purgatorju u li jagħmlu prefett u prokuratur u kaxxier bl-obbligu li jagħmlu ta' kull sena l-elezzjoni tal-imsemmija tliet ministri u li f'din l-elezzjoni l-kappillan[7] ikollu s-saħħa ta' żewġ voti u jagħtu rendikont kull sena lill-qorti tas-sinjurija illustrissima u reverendissima tiegħek u japplikaw il-karità li huma jiġbru mill-ġbir għas-servizz tal-imsemmi altar u li jibqa' għaċ-ċelebrazzjoni tal-quddies għas-suffraġju tal-erwieħ u għall-grazzja.*

*L-illustrissimu u Reverendu Dun Fr. Paolo Alpheran De Bussan, isqof ta' Malta sema' l-imsemmija petizzjoni b'imħabba ta' missier u b'mod miftuħ, l-ewwel ir-reverendu Kappillan ta' din il-parroċċa taħt it-titlu tas-Sokkors jew il-Konċepiment tal-Beata Marija Virgni tal-Belt Cospicua ta' Bormla Dun Giovanni Battista Chrispo ikkonferma li s-sodalità tal-Erwieħ tas-Santissimu Purgatorju mwaqqfa fuq dan l-altar ta' San Leonardu kienet ġa ġiet imsemmija fiż-żjara ta' qabel u kienu qed jitolbu dan ix-xogħol li tkun imwaqqfa mill-ġdid permezz tal-ordinarja awtorità dejjiema u titqieghed fuq dan l-istess altar ta' San Leonardu Konfessur jew tas-Santissima Trinità mwaqqaf fuq in-naħa tax-xellug tal-kappella tas-Santissimu Kurcifiss f'din l-imsemmija knisja parrokkjali mingħajr l-ebda preġudizzju marbut mal-istess knisja parrokkjali bil-fakultà li dak li tiġbor u l-karità tibqa' tmur għall-użu u s-servizz tal-altar u għas-sagrifiċċju tal-Erwieħ tal-Purgatorju kif fil-preżent u fiż-żjajjar ta' qabel miġbura u amministrati minnu kif ukoll minn dħul ieħor li jsir ta' kull sena iridu jagħtu rendikont lill-istess Reverendu Sinjur u lis-suċċessuri tiegħu bil-fakultà lilll-istess uffiċjali li wieħed ikun il-prefett, ieħor il-prokuratur u ieħor id-depożitarju jew kaxxier għal żmien determinat u għall-istess elezzjoni, dawk l-ufficjali jkollhom żewġ voti. Huwa ordna lil kulħadd li fi żmien sitt xhur ikunu saru l-istatuti u regoli favur tmexxija aħjar ta' din is-soċjetà jew istituzzjoni u l-istess illustrissimu u reverendu sinjur ikkonferma l-kontijiet u wkoll jikkonferma u kkonferma, iwaqqaf u waqqaf, japprova u approvva dan u kull ħaġa oħra għall-aħjar mod, illum 28 tax-xahar ta' Mejju 1739 fl-atti taż-żjara tal-imsemmija knisja u altar.*[8]

## It-Tielet Żjara tal-Isqof Alpheran De Bussan Ġewwa Bormla

It-tielet u l-aħħar żjara tal-isqof Alpheran De Bussan ġewwa Bormla issir fis-sena 1751. Bormla tkun l-aħħar parroċċa li dan l-isqof żar matul din iż-żjara pastorali. Bdiet fil-21 Ħadd fuq l-Għid il-Ħamsin, jiġifieri, fis-26 ta'

Ottubru 1751. L-isqof mar Bormla wara li kien żar il-Birgu. Kellu miegħu żewġ ko-viżitaturi, lil Don Adriano Gurgion, li kien il-vigarju ġenerali, u lil Don Albino Portughese. Fuq kollox, meta ġie milqugħ mill-kleru, biex solennament jitwassal sal-knisja parrokkjali bil-kant u daqq tal-mużika, l-iskriba jfakkar, li fost il-fratellanzi tal-parroċċa, li marru jilqugħ, kien hemm dik tal-Kurċifiss.[9] Għal darba oħra, bħalma ġara fiż-żjara ta' qabel, din tkun l-unika fratellanza li speċifikament tissemma' b'isimha. Dan juri l-importanza li din il-fratellanza kellha f'dan iż-żmien u li kienet saret l-aktar fratellanza importanti tal-parroċċa.

*Żar l-altar taħt it-titlu tas-Santissimu Kurċifiss imwaqqaf fid-daħla ta' ġewwa, jew bit-tribuna proprija tiegħu u kappella kbira u sabu li kien tal-ġebel bil- prospettiva mqabbża bil-irħama li fiha kollha frak tal-għadam tal-qaddisin u tajjeb biex fiha jista' jsir is-sagrifiċċju tal-quddiesa u fih ħafna tiżjin elaborat ħafna u fih ukoll l-ixkaffa u fuq l-istess artal hemm niċċa tal-injam indurata bid-deheb li fiha hemm ir-relikwa tas-Salib Imqaddes. Hemm ġewwa n-niċċa l-kbira protetta bi ħġieġa tal-kristall imżejna bi gwarniċ tal-injam magħmul minn ħafna kuluri u fiha hemm is-salib kbir tal-injam bl-immaġni tal-kurċifiss mgħollija 'l fuq li darba snin ilu l-baħħara ta' din il-belt Cospicua ġabu mir-renju ta' Kreta u li kien jinsab fil-knisja tal-patrijiet Dumnikani. Numru kbir ta' nies mill-gżira kollha jiġu jqimuh minħabba l-mirakli u l-benefiċċji li jaqla' u dan jixhduh il-ħafna oġġetti u ex-voti ta' kull ġeneru li hemm imwaħħlin f'din il-kappella mogħtijin mill-fidili bħala sinjal ta' gratitudni u memorja tal-benefiċċji milqugħa.*

*Ikunu iċċelebrati żewġ festi fuq dan l-altar bl-ewwel u t-tieni għasar u bil-quddiesa bi prietka u purċissjoni, l-ewwel dik tat-tlieta ta' Mejju, fil-festa tal-adorazzjoni tas-Santissimu Kurċifiss imħallsa mis-Sodalità tal-Agonizzanti. L-oħra fl-14 ta' Settembru fil-festa tal-esaltazzjoni tas-Santissimu Kurċifiss mill-prokuraturi tal-knisja parrokkjali li taħthom taqa' t-tmexxija ta' dan l-istess altar.*

*Fuq dan l-altar hemm imwaqqfa l-konfraternità taħt it-titlu tas-Santissimu Kurċifiss bl-awtorità ordinarja fi żmien l-isqof de Astiria mwaħħda mal-Arcikonfraternita' ta' San Marcello fil-belt il-kbira ta' Ruma fis-sena 1673 u titmexxa u tinżamm permezz ta' regoli u statuti u din l-istess konfraternità tagħmel ħafna xogħol tal-opri tal-ħniena u min jidħol fiha jilbes il-konfratija.*

Issir purċissjoni fl-imsemmija jum tal-festa.

Hu wkoll fuq dan l-altar hemm imwaqqfa s-Sodalità tal-Agunija li l-fratelli tagħha jħallsu ta' kull xahar ħames grani minbarra l-karità li titħallas meta huma jidħlu fil-fratellanza. Meta fratell ikun qed imut jiġi espost Ġesù Sagramentat fit-tabernaklu u jsir talb għal tliet sigħat mis-sacerdoti u wara li

l-fratell imut, il-fratelli jiċċelebraw ħamsin quddiesa għal ruħ il-fratell mejjet. Dehru l-prokuraturi ta' din il-fratellanza tal-agonizzanti Giovanni Domenico Ros u n-nutar Pietru Pawlu Saliba u wrew il-qima lejn l-Illustrissimu u Reverendu għamlu din it-talba li ġejja.

## Illustrissimu u Reverendissimu Monsinjur

*Il-prokuraturi ta' din il-Veneranda Konfraternità tal-Agonizzanti mwaqqfa f'din l-istess knisja parrokkjali tal-Belt ta' Bormla, servi u sudditi fidelissimi tas-sinjurija tiegħek illustrissima u reverendissima juru bl-ikbar qima kif fil-passat kien ikun ipprattikat li l-oraturi jikkontribwixxu bil-karità ta' tari wieħed u għaxra għal kull quddiesa li tkun iċċelebrata għall-fratelli u konsorelli mejtin u wkoll b'tari wieħed lil kull qassis li għal żmien ta' siegħa jagħmel talb divin lil Alla għall-għajnuna ta' dak li qed imut u għaliex ma għadux jinsab daqshekk volontiera li lesti jagħmlu din l-opra tal-ħniena kif għidt qabel u ħafna drabi għal din ir-raġuni dak li jkun qed imut jibqa' mingħajr l-konfort daqshekk importanti tar-ruħ u waqt li l-moribond ikun fuq is-sodda fl-għaxwa tal-mewt tkun qed toqrob, qed jintalab għalhekk minn dawk li jmorru jitolbu l-ħniena tas-sinjurija tiegħek, Illustrissima u Reverendissima jagħraf, jordna li f'dak li għandu x'jaqsam ma' quddies ikun mogħti lill-oraturi żewg tari għal kull quddiesa bħala ħlas li tkun iċċelebrata għal ħutna rġiel u nisa mejtin u għal dan ta' kull siegħa li matulha jsir it-talb għal dawk li qed imutu jingħata ħlas ta' tari wieħed u grani għaxra jekk ikun qed isiru bi nhar u ta' tari tnejn meta dawn ikunu qed isiru bil-lejl u sitt tari oħra għas-sagristan u għas-servjent waqt li jibqgħu obbligati għal din il-grazzja.*

*Wara li aħna għadna attenti għal dak li ġie espost mil-prokuraturi, aħna accettajna din it-talba fil-jiem li għaddew fid-dar tagħna, u issa matul it-tielet żjara pastorali fil-belt ta' Cospicua tas-26 ta' Ottubru 1751. Fr Paulo Arcisqof ta' Malta. Illustrissimu u Reverendu Sinjur ordna li din is-supplika bir-risposta tagħha tkun registrata f'dawn l-atti.*

Din it-talba ġiet reġistrata u magħmula bl-ilsien Taljan. Hawn wieħed irid jiftakar li dawn ir-rendikonti taż-żjajjar kienu jinkitbu bil-Latin. F'din it-talba ntużat kelma partikolari bit-Taljan, li llum fl-Italja ma għadhiex tintuża u għalhekk xtaqt nagħmel referenza partikolari għaliha. Meta l-membri ta' din l-assoċjazzjoni ġew biex jitkellmu fuq persuna li tkun fis-sodda f'agunija jew kif ngħidu llum fi stat terminali jew fuq is-sodda tal-mewt, intużat din l-espressjoni, *"la cuscia dell'agonia"*. Illum il-kelma *"cuscia"* ma għadhiex tintuża fil-lingwa Taljana fis-sens ta' sodda li fuqu jorqdu n-nies u għalhekk saret kelma arkajka. Oriġinarjament kienet tfisser sodda żgħira bil-kutra fuqha. L-espressjoni Taljana *"va a cuccia"* li llum tintuża fl-Italja biex is-

sid ta' kelb jew annimal domestiku ieħor jordna lill-kelb biex imur jorqdu ġewwa l-kennel jew is-sodda tiegħu ġejja minn din il-kelma; dan hu dak li baqa' fl-użu ta' kuljum ta' din il-kelma qadima.

Wara li tajt ħarsa lejn is-semantika ta' din il-kelma Taljana, inkompli nagħti d-deskrizzjoni taż-żjara tal-isqof fejn issa jkun imiss li jiddeskrivi l-oratorju tal-Kurċifiss.

Iż-żjara fl-oratorju taħt it-titlu tal-beata Marja Verġni Addolorata.

*Illustrissimu u reverendu sinjur wara li spiċċa milli jara l-altar tal-imsemmi tas-Santissimu Kurċifiss għadda minn bieb li jinsab f'din l-istess kappella tas-Santissimu Kurċifiss u daħal l-oratorju ġdid tal-fratellanza tal-Kurċifiss li qam mhux ħazin biex inbena fuq in-naħa tal-lemin tal-knisja parrokkjali taħt it-titlu tal-Beata Marija Vergni tad-Duluri jew Pietà u żaru u sabu li kien mibni b'mod eleganti f'forma rettangulari fuq l-arkitettura dorika u mgħotti b'saqaf magħmul fin-nofs tond għandu tliet daħliet li waħda minnhom tagħti għat-triq pubblika li titla' għaliha permezz ta' numru ta' tarġiet tal-ġebel, l-oħra tagħti għas-sagristija tal-knisja parrokkjali. It-tielet waħda hija dik li semmejna li tieħdok għall-kappella tal-Kurċifiss. Hemm ukoll mal-ħitan imżejnin bil-bankijiet magħmula mill-injam, elaborati u fin-nofs tagħhom hemm is-sedja kbira u l-katedra tal-uffiċjali tal-fratellanza.*

*F'dan l-oratorju wieħed isib altar imwaqqaf fil-parti tal-prospettiva fuq ġewwa u fuqu hemm mibnija tribuna jew koppla żgħira tatti s-saqaf u miżmuma minn erba' arkati u huwa sab ukoll il-prospettiva tal-ġebel wara l-altar u l-altar tagħha kien fih kollox u tajjeb*[10] *għas-sagrifiċċju tal-qaddisa u mżejjen b'dak kollu li hu neċessarju u għandu pittura mwaħħla ġo gwarniċ tal-ġebel skulturat li turi d-depożizzjoni tas-sinjur tagħna Ġesu Kristu minn fuq is-salib u fuqha hemm din l-iskrizzjoni,"Il-maħbub tiegħi faxx mirra mrassas bejn sidri". U wara li ġie osservat li kollox kien tajjeb u li kollox miżmum tajjeb reġa' mar lura fil-kappella tal-kurċifiss.*

Żar l-altar taħt it-titlu ta' Sant'Andrea Appostlu mwaqqaf fl-apside tan-naħa tal-lemin tal-imsemmija kappella tas-Santissimu Kurċifiss u sabu li hu tal-ġebel bid-daħla mqabbża bl-altar komplut bl-irħama u tajjeb għas-sagrifiċċju tal-quddiesa, miżmum tajjeb u provdut minn dak kollu neċessarju, għandu ikona imwaħħla ġo gwarniċ tal-ġebel indurat bid-deheb li tirreferi fil-parti ta' fuq għat-trasfigurazzjoni tas-sinjur tagħna Ġesù Kristu. Fil-parti ta' isfel hemm l-immaġni tat-titular u quddiemu hemm imdendel lampier bil-lampa taż-żejt tinxtegħel kuljum.

*Taħt din il-pittura l-kbira kien hemm oħra iċken bil-gwarniċ tagħha tal-injam li tirreferi għall-immaġni ta' Sant Kurrad li l-festa tiegħu ssir b'devozzjoni nhar 20 ta' Frar.*

*Illustrissimu u reverendu sinjur ordna li tkun rinovata l-ixkaffa ta' dan*

*l-altar u ssir skont il-qisien approvati u skont kif miktub mil-limitu impost mill-illustrissimu u reverendu.*[11]

*Il-prokuraturi huma l-qassis Dun Archangelo Habela u dan ġie kkonfermat mill-illustrissimu u reverendu sinjur u Francesco Tripoli li ġie elett prokuratur, ma għandux djun u għandu l-fakultajiet necessarji.*

*Żar l-altar taħt it-titlu ta' San Leonardo Konfessur u tal-Erwieħ tas-Santissimu Purgatorju mwaqqaf taħt l-apside tan-naħa tax-xellug fl-imsemmija kappella tas-Santissimu Kurċifiss u li sabu tal-gebel, bil-prospettiva imqabbża u bl-irħama tal-għadam tal-qaddisin u tajjeb biex fuqu jsir is-sagrifiċċju tal-quddiesa, mżejjen diċentament u l-pittura tiegħu imqiegħda bejn skulturi differenti fil-ġebel indurat bid-deheb u tirreferi fil-parti superjuri għall-misterju tat-Trinità Qaddisa u l-Beata Vergni u fil-parti inferjuri għall-qaddis titulari u l-erwieħ tal-purgatorju: taħt din l-istess pittura hemm pittura oħra iċken imqiegħda f'niċċa mħaffra li tirreferi għall-immaġni ta' San Franġisk de Paula. Quddiem dan l-altar hemm imdendel lampier tal-fidda bil-lampa taż-żejt tintxegħel kuljum.*

*Il-festa ċċelebrata bl-ewwel għasar u quddiesa kantata fil-ġurnata tas-6 ta' Novembru permezz tad-dispożizzjoni qaddisa li kien ħalla Antonio Ros li permezz tiegħu tkun iċċelebrata quddiesa fuq dan l-altar kull nhar ta' Ħadd u jinżamm mixgħul il-lampier għas-servizz tal-altar. Hu ħalla ħanut li jinsab fil-pjazza ta' din il-belt skont l-att tan-nutar Mariano Calleja tad-data 23 ta' Awwissu 1611 u tas-6 ta' Diċembru 1631.*

Naħseb li dawn it-tliet żjajjar jagħtuna ħarsa tax-xogħol kbir li kien sar ġewwa Bormla matul iż-żmien ta' dan l-isqof b'mod partikolari l-Oratorju tal-Kurċifiss, li nbena bejn l-ewwel u t-tieni żjara tal-isqof Alpheran. Waqt li bejn it-tieni u t-tielet waħda saru dawk il-bankuni sbieħ li għandu dan l-oratorju. Biss naħseb li l-aktar punt ta' interess li joħroġ minn din iż-żjara hu dik il-kitba bil-Latin li ġiet imwaħħla fuq il-pittura prinċipali tal-Oratorju. Bil-Latin inkiteb *Fasciculus mirra dilectus meus inter ubera mea commorabitur* li jien ittraduċejt bħala "Il-maħbub tiegħi faxx mirra mrassas bejn sidri". Din hija silta meħuda mill-ktieb tat-Testment il-Qadim, l-Għanja tal-Għanjiet, kapitlu 1, vers 13. Tkun din is-silta li tidher li spirat l-immaġni tad-Duluri kif nafuha llum, speċjalment dik tad-depożizzjoni, bi Kristu fuq ħoġor ommu u rasu sserraħ fuq sidirha. Din hija l-immaġni li għażel li jwassal il-pittur Francesco Zahra meta pitter il-kwadru ta' dan l-oratorju fuq kummissjoni tal-Fratellanza tal-Kurċifiss. Dawn kienu nies li l-fidi u l-Bibbja kienu jafuha tajjeb. Li tkun fratell kienet tfisser li tgħix il-ħajja nisranija aħjar. Fuq kollox, jien u nikteb dan l-artiklu ma stajtx ma niftakarx fuq il-motiv, li l-predikatur tal-festa li għadha kif għaddiet (2011), Patri Marcello Girlando għoġbu jagħżel biex fuqu jibni l-paniġierku tiegħu tal-Immakulata, iġifieri,

bħal dawn il-fratelli tal-Kurċifiss li għexu madwar 250 sena ilu, għażel huwa wkoll siltiet ta' imħabba meħuda minn dan il-ktieb qaddis tal-Għanja tal-Għanjiet biex ifaħħar u juri l-kobor ta' Marija. Illum din l-iskrizzjoni ma għadhiex fuq il-kwadru ta' dan l-artal u minflokha hemm iskrizzjoni oħra.

L-isqof Alpheran De Bussan għamel ir-raba' u l-aħħar żjara pastorali tiegħu li bdieha f'dik is-sena stess, jiġifieri fl-1751. Biss ma laħaqx żar Bormla. Żar Malta u Għawdex iżda ħalla l-parroċċi kollha tat-tlett ibliet u dawk tal-belt għall-aħħar taż-żjara[12] imma ma laħaqx rahom għax miet. Għalhekk iż-żjara li jmiss tkun magħmula mill-isqof il-ġdid tad-djoċesi, Bartolomeo Rull. Din iż-żjara u żjajjar oħra nitkellem dwarhom fil-ħarga li jmiss ta' dan l-istess programm is-sena d-dieħla.

**Referenzi**


1 A(rkiju) A(rciveskovili) ta' M(alta), Visita Pastoralis Alpheran De Bussan, Vol. 32, f. 152v.
2 Ibid. f. 257v-258r.
3 AAM, Visitatio Pastoralis Alpheran 1736-1740, Vol. 33, f.1089r.
4 Ibid. f.1090v.
5 Ibid. f.1090v.
6 Ibid. f.1097r,
7 Ibid. f.1098v.
8 Ibid. f. 1099r.
9 AAM, Visitatio Pastoralis Alpheran, Vol. 34, f.827r.
10 Ibid. f. 832r.
11 Ibid. f.832v.
12 AAM Quarta et ultima Visit. Alpheran. 1751. Vol. 35.